IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.4.2020
COM(2020) 149 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] allinja s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mid-Direttiva 2009/42/KE[2] mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

Id-Direttiva 2009/42/KE kif emendata tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jaqdu l-għanijiet li ġejjin:

- jadattaw ir-rekwiżiti tal-ġbir tad-*data* fl-Annessi I sa VIII tagħha biex ikunu jirriflettu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, sakemm dan ma jkunx iżid l-ispejjeż b'mod sostanzjali għall-Istati Membri u/jew il-piż fuq ir-rispondenti (ara l-Artikolu 3(4));
- ifasslu lista ta' portijiet, b'kodiċi u klassifikati skont il-pajjiż u ż-żona kostali marittima (ara l-Artikolu 4(1)); u
- jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttiva biex ikun żgurat li l-metodi tal-ġbir tad-*data* jkunu tali li s-settijiet tad-*data* statistika dwar it-trasport bil-baħar (l-Anness VIII) ikunu jissodisfaw l-istandards ta' preċiżjoni stabbiliti mill-Kummissjoni (l-Artikolu 5).

Kif stabbilit fil-Premessa (8) tar-Regolament (UE) Nru 1090/2010, "huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti".

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport hu meħtieġ skont l-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-29 ta' Diċembru 2010 'il quddiem. Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel Rapport fl-2015[3]. Id-delega tas-setgħa ġiet estiża awtomatikament għal ħames (5) snin oħra (minn Diċembru 2015 sa Diċembru 2020), għax il-Parlament u l-Kunsill ma jirrevokawhiex skont l-Artikolu 10b. L-Artikolu 10a jeżiġi li l-Kummissjoni toħroġ rapport fir-rigward tad-delega sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu ta' ħames (5) snin.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (ĠU L 325, 9.12.2010, p. 1).

2 Id-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 29).

3 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1090/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2009/42/KE dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija u passiġġieri bil-baħar (COM(2015) 362 final, 28.7.2015).

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-Kummissjoni adottat żewġ atti delegati:

a) Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/186/UE[4] – din tadatta ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-ġbir tad-*data* fl-Annessi I sa VIII tad-Direttiva, biex ikunu jirriflettu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi.

   Fir-rapport tagħha għall-ewwel perjodu ta' ħames (5) snin, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet eżerċitat sew is-setgħat delegati lilha u stiednet lill-Parlament u lill-Kunsill biex jieħdu nota tar-rapport; u

b) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/1007[5] – din taġġorna l-lista tal-portijiet biex ikunu żgurati l-preċiżjoni u r-rilevanza tal-istatistika Ewropea tat-trasport marittimu skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva.

   Waqt it-tħejjija tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonsultat lil:

   - esperti nazzjonali waqt il-laqgħat annwali tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tat-Trasport Marittimu (23-24 ta' Mejju 2016) u l-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Istatistika dwar it-Trasport (24-25 ta' Novembru 2016);
   - id-diretturi tal-istatistika u tal-kontijiet settorjali u ambjentali (id-DIMESA) bil-miktub f'Diċembru 2016 u f'Jannar 2017.

   Infurmat lill-Parlament u lill-Kunsill dwar kull laqgħa tal-grupp ta' esperti u bagħtitilhom id-dokumenti kollha rilevanti minnufih u b'format xieraq.

   L-abbozz tad-Deċiżjoni ġie diskuss u ntlaqa' b'mod favorevoli mid-diretturi ġenerali tal-istituti nazzjonali tal-istatistika fi Frar 2018.

   Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fil-25 ta' April 2018 u nnotifikat lill-Parlament u lill-Kunsill, li fil-perjodu ta' xahrejn ħadd minnhom ma oġġezzjona. Id-Deċiżjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-17 ta' Lulju 2018[6] u daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Awwissu 2018.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jibqa' jkollha dawn is-setgħat delegati għax fil-futur jaf ikollha bżonn tadotta atti delegati li jkunu jirriflettu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi u l-bidliet fl-infrastruttura tal-portijiet tal-Ewropa.

Il-Kummissjoni eżerċitat sew is-setgħat delegati lilha u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

---

[4] Id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/186/UE tat-3 ta' Frar 2012 li temenda d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (ĠU L 101, 11.4.2012, p. 5).

[5] Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/1007 tal-25 ta' April 2018 li tissupplimenta d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-portijiet u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/861/KE (ĠU L 180, 17.7.2018, p. 29).

[6] ĠU L 180, 17.7.2018, p. 29.